Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

21 ta' Diċembru 2015

**It-Tmienja u Erbgħin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa se ssir nhar it-Tlieta 29 ta' Diċembru 2015 fis-7.00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Reviżjoni ta' *bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ
6. Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ
7. Kawża Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieħa et
8. Mozzjoni dwar l-għoti ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill
9. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2015
10. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

D:\Council Agendas\7th Council\Agd7_48.docx

## MOZZJONI

9. **Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

*"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) 6(1) u 19(1), kif emendati bl-Avviżi Legali 127/98, 89/2000, 64/2001 u 282/05 jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill; u*

*Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2015 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Jonathan Micallef, Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena 2014, kif jirriżulta mill-Performance Appraisal Report li ġie mħejji skont l-Iskeda A, tal-imsemmija regolamenti;*

*Billi jirriżulta wkoll li l-uffiċjal fis-Servizz Ċivili – Stephen Borg – impjegat mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u assenjat mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa matul is-sena 2015 irrenda servizz fuq il-livelli tal-impjegati l-oħra msemmija, skont ma' jirriżulta mill-Performance Appraisal Report tiegħu;*

*Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2015, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6%, rispettivament, bħala performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar. Jirriżolvi wkoll li l-impjegat Jonathan Micallef jingħata l-perċentwali msemmi 'pro rata,' billi spiċċa mill-kariga fit-3 ta' Novembru 2015.".* (Wages)

John Buttigieg
Sindku
**Proponent**

Emvin Bartolo
Kunsillier
**Sekondant**